SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

11 ta' Settembru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Regolament (UE) Nru 269/2014 – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Artikolu 2 – Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Derogi – Artikolu 4(1)(b) u (d) – Rilaxx ta' ċerti fondi għal infiq speċifiku – Ħlas tal-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa għall-finijiet tal-preżentata ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni li timplimenta dan ir-regolament – Inklużjoni"

Fil-Kawża C-384/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Mejju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Mejju 2024, fil-proċedura

Russisch-Kirgizisch Ontwikkelingsfonds

vs

Belgische Staat,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn D. Gratsias (Relatur), President tal-Awla, E. Regan u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: R. Norkus,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet, L. Van den Broeck u M. Van Regemorter, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Carpus-Carcea, L. Haasbeek u L. Puccio, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 4(1)(b) u (d) u tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1985 tal-20 ta' Ottubru 2022 (ĠU 2022, L 272I, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 269/2014"), tal-Artikolu 19(1) TUE, tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn ir-Russisch-Kirgizisch Ontwikkelingsfonds (il-Fond ta' Żvilupp russo-kirghize, iktar 'il quddiem il- "FDRK") u l-Belgische Staat (l-Istat Belġjan), irrappreżentat mill-Ministru tal-Finanzi, dwar ir-rifjut tal-amministratur ġenerali tat-Teżor tas-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi li jilqa' t-talba tiegħu intiża għall-awtorizzazzjoni ta' trasferiment ta' fondi fuq wieħed mill-kontijiet tiegħu, abbażi tal-Artikoli 6 u 6b tar-Regolament 269/2014.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 6 tar-Regolament 269/2014 tistipula:

"Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari fil-Karta. [Karta], u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Dan ir-Regolament jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u prinċipji."

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(f) "l-iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta fi xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew kull bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolji;

[…]"

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

"2. Ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I."

6 L-Artikolu 4(1) tal-istess regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, għall-kera jew għall-ipotekar, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew imposti għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat ir-raġunijiet li fuqhom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

(e) li għandhom jitħallsu f'kont jew minn kont li jappartjeni lil jew miżmum minn missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika, tal-uffiċċju konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali."

7 L-Artikoli 6 u 6b tar-Regolament 269/2014 jipprevedu, b'deroga mill-Artikolu 2 tiegħu, l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom fil-każijiet speċifiċi li huma jelenkaw.

8 Skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament:

"Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artiklu 2 hija pprojbita."

Id-dritt Belġjan

Il-liġi li tistabbilixxi fond baġitarju għall-għajnuna legali sekondarja

9 L-Artikolu 4(4) tal-wet tot oprichting van een Begrotingsfonds voor de Juridische tweedelijnsbijstand (il-Liġi li tistabbilixxi Fond Baġitarju għall-Għajnuna Legali Sekondarja), tad-19 ta' Marzu 2017 (Belgisch Staatsblad, 31 ta' Marzu 2017, p. 46565), jipprovdi:

"Quddiem il-Kunsill tal-Istat kontribuzzjoni għall-fond hija dovuta, […] għal kull rikors li jressaq talba għad-danni marbuta mal-kumpens għal dannu eċċezzjonali, morali jew materjali, rikors għal annullament, appell ta' kassazzjoni, talba għad-danni bħala kumpens, miżuri provviżorji amministrattivi, oppożizzjoni, oppożizzjoni minn terzi jew rikors għal reviżjoni.

[…]

Quddiem il-Kunsill tal-Istat u l-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-parti li tibbenefika mill-għajnuna legali sekondarja jew mill-għajnuna legali ma hijiex suġġetta għal kontribuzzjoni għall-fond.

[…]"

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat

10 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tal-Besluit van de Regent tot regeling van de rechtspleging voor de afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Digriet tar-Reġġent li jiddetermina l-proċedura quddiem is-Sezzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat), tat-23 ta' Awwissu 1948 (Belgisch Staatsblad, 23 ta' Awwissu 1948, p. 6821), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem ir-"Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat"), jipprevedi:

"L-ispejjeż jinkludu:

1° id-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 70;

[…]

6° il-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 4 (4) tal-Liġi tad-19 ta' Marzu 2017 li tistabbilixxi fond baġitarju dwar l-għajnuna legali sekondarja."

11 L-Artikolu 70 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Jagħtu lok għall-ħlas ta' dazju ta' EUR 200:

[…]

2° Ir-rikorsi li jippreżentaw rikors għal annullament kontra l-atti u r-regolamenti […]

[…]"

12 L-Artikolu 71 ta' dan ir-regolament huwa redatt b'dan il-mod:

"L-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 70 l-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 66, 6° għandhom jitħallsu permezz ta' trasferiment jew ħlas fil-kont finanzjarju tad-dipartiment kompetenti tas-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi.

Meta ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 66, 6° ikunu dovuti, ir-Reġistratur prinċipali għandu jibgħat lid-debitur formula ta' trasferiment li jkollha komunikazzjoni strutturata li tippermetti li l-ħlas li għandu jsir jiġi imputat lill-att proċedurali li huwa relatat miegħu.

[…]

Jekk il-kont imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie kkreditat fit-terminu ta' tletin jum wara li tkun waslet il-formola ta' trasferiment, ir-Reġistratur Kap, fuq talba tal-membru tal-awditur maħtur, għandu jinforma lill-parti kkonċernata li l-awla ser tqis, skont il-każ, li t-talba jew l-appell ippreżentat ma jkunux twettqu jew li jitneħħa r-rwol, sakemm il-parti kkonċernata ma titlobx li tinstema' f'terminu ta' ħmistax-il jum.

[…]

Jekk il-parti kkonċernata titlob li tinstema', il-President jew il-konsulent tal-Istat maħtur minnu għandu jsejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru fi żmien qasir. F'dan ir-rigward, it-talba għal smigħ għandha tiġi kkomunikata lill-kontroparti u, jekk ikun il-każ, lill-parti intervenjenti.

Wara li semgħet lill-partijiet u lill-membru tal-awditur maħtur fl-opinjoni tiegħu, l-Awla għandha tiddeċiedi mingħajr dewmien u tiddeċiedi li tqis bħala mhux mitmuma jew li tneħħi mir-rwol it-talba jew ir-rikors ippreżentat, ħlief jekk tiġi stabbilita l-forza maġġuri jew l-iżball inkontestabbli."

13 Skont il-ġurisprudenza tal-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), id-dritt previst fl-Artikolu 70 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, iktar 'il quddiem id-"dritt għar-rwol") u l-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-fondi baġitarji relatati mal-għajnuna legali sekondarja, imsemmija fl-Artikolu 66, 6, ta' dawn ir-regoli (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni b'rata fissa"), jikkostitwixxu taxxi fis-sens tal-Kostituzzjoni.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Il-FDRK hija entità li l-fondi tagħha ddepożitati fil-Euroclear Bank NV huma ffriżati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament 269/2014. Fil-fatt, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-amministratur ġenerali tat-Teżor tas-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi tas-26 ta' Jannar 2023, li hija s-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, dwar il-ħames membri tal-Kunsill ta' FDRK, korp deċiżjonali suprem ta' din l-entità, tnejn kienu membri tal-Gvern Russu u t-tielet wieħed kien membru ta' VEB.RF, stabbiliment ta' żvilupp finanzjarju inkluż, bħala entità, fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament.

15 Il-FDRK ressaq quddiem l-amministrazzjoni ġenerali tat-Teżor tliet talbiet suċċessivi intiżi sabiex Euroclear Bank tiġi awtorizzata tittrasferixxi fondi fl-ammont ta' 162 945 017.64 dollaru Amerikan (USD) fuq wieħed mill-kontijiet tagħha. B'mod iktar partikolari, fit-tielet waħda minn dawn it-talbiet, imressqa fl-4 ta' Jannar 2023, abbażi tal-Artikoli 6 u 6b tal-imsemmi regolament, huwa

jesprimi x-xewqa li dan l-istabbiliment bankarju jiġi awtorizzat, minn naħa, iwettaq dan it-trasferiment ta' fondi u, min-naħa l-oħra, jiżblokka l-flus u t-titoli elenkati fil-kuntest tal-bejgħ tagħhom sa dan l-ammont billi jħallas il-prodott fuq wieħed mill-kontijiet tiegħu.

16 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2023, l-amministratur ġenerali tat-Teżor tas-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi ċaħad dawn l-applikazzjonijiet. F'dan ir-rigward, hija qieset li, skont l-aħħar informazzjoni li hija kellha, it-tliet persuni fiżiċi msemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza kienu membri tal-korp deċiżjonali suprem tal-FDRK u kellhom id-dritt li jeżerċitaw influwenza dominanti fuq dan tal-aħħar. Minn dan huwa kkonkluda li l-fondi tiegħu ma' Euroclear Bank kellhom jibqgħu ffriżati sakemm il-FDRK ma kienx wera li ma kienx ikkontrollat *de facto* minn persuna jew minn entità suġġetta għal iffriżar ta' fondi.

17 Fis-6 ta' April 2023, il-FDRK ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), li huwa l-qorti tar-rinviju. Id-data finali għall-ħlas tad-dritt tar-rwol u tal-kontribuzzjoni b'rata fissa, dovuti għall-preżentata ta' dan ir-rikors, ta' somma totali ta' EUR 224, kienet l-14 ta' Awwissu 2023. Madankollu, il-FDRK ikkreditat il-kont indikat għall-ħlas ta' din is-somma biss fl-1 ta' Settembru 2023.

18 Fl-14 ta' Settembru 2023, il-qorti tar-rinviju nnotifikat lill-FDRK bil-komunikazzjoni msemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 71 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat. Din talbet li tinstema', skont din id-dispożizzjoni. Il-partijiet ġew mistiedna għal seduta li nżammet fit-28 ta' Frar 2024.

19 Fit-talba tiegħu, l-ewwel, il-FDRK sostna li huwa ma setax iwettaq il-ħlas tal-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u tal-kontribuzzjoni b'rata fissa fi żmien xieraq, minħabba l-iffriżar tal-fondi tiegħu mingħand Euroclear Bank, li jirriżulta mid-deċiżjoni msemmija fil-punt 16 ta' din is-sentenza, meħuda skont l-Artikolu 2 tar-Regolament 269/2014. It-tieni nett, il-FDRK iqis li l-applikazzjoni tas-sanzjoni marbuta ma' tali nuqqas ta' ħlas fi żmien xieraq, prevista fir-raba' sas-seba' paragrafu tal-Artikolu 71 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat, jiġifieri l-fatt li r-rikors tiegħu jitqies li ma sarx jew li dan tal-aħħar ikun tħassar mir-rwol, hija manifestament irraġonevoli u tirrestrinġi d-dritt tiegħu ta' aċċess għall-ġustizzja b'mod sproporzjonat. F'dan ir-rigward, huwa jenfasizza li huwa adixxa preċiżament lill-qorti tar-rinviju għaliex huwa jqis li huwa żbaljat li din id-deċiżjoni ma neħħietx l-iffriżar tal-fondi tiegħu. It-tielet nett, huwa jikkonkludi li din is-sitwazzjoni hija każ ta' forza maġġuri u li, għal din ir-raġuni, din is-sanzjoni ma tistax tiġi applikata.

20 Waqt il-preparazzjoni tal-kawża, il-qorti tar-rinviju stiednet lill-partijiet jieħdu pożizzjoni, fis-seduta, fuq id-domandi li ġejjin:

"1° (domanda 1) l-(in)eżistenza tal-possibbiltà li tintalab (u tinkiseb), skont ir-[Regolament 269/2014], l-awtorizzazzjoni għal-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi tar-rikorrent jekk il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni jkunu intiżi esklużivament għall-ħlas, f'dan il-każ, tal-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti [ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(1) (b) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq, kif ukoll kull dispożizzjoni oħra (ta' dan ir-regolament jew oħra) li l-partijiet jistgħu jindikaw jekk ikun il-każ] u,

– subdomanda A: jekk jitqies li teżisti din il-possibbiltà, il-kwistjoni dwar jekk tali awtorizzazzjoni ġietx mitluba (fi żmien xieraq) mir-rikorrent lill- "awtorità kompetenti" — peress li hemm lok, f'dan il-każ, li jsir riferiment għal-linja gwida 80 tal-"Prattiki Aħjar tal-Unjoni Ewropea

fir-rigward tal-Implimentazzjoni Effettiva ta' Miżuri Restrittivi" (Nru 10572/22 tas-27 ta' Ġunju 2022 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea]) sabiex tingħata risposta għal din id-domanda — u, fl-affermattiv, x'inhu l-eżitu ta' din it-talba mill- "awtorità kompetenti". It-tweġiba għandha tiġi ddokumentata.

2° (domanda 2) l-(in)eżistenza tal-possibbiltà tar-rikorrenti li tibbenefika mill-għajnuna legali prevista fl-Artikoli 78 *et seq* tar-Regoli Ġenerali tal-Proċedura [tal-Kunsill tal-Istat] f'dak li jirrigwarda l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti."

21 B'risposta għal dawn id-domandi, il-FDRK indika li l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 269/2014 ma huwiex applikabbli f'dan il-każ. Insostenn ta' din l-affermazzjoni, huwa jsostni, minn naħa, li d-dritt tar-rwol u l-kontribuzzjoni b'rata fissa huma taxxi miġbura mill-awtoritajiet pubbliċi. Min-naħa l-oħra, huwa jallega li l-qorti tar-rinviju ma hijiex fornitur ta' servizzi, fid-dawl tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "servizzi" prevista fl-Artikolu 57 TFUE. B'mod partikolari, din il-qorti ma teżerċitax attività ekonomika bħal dawk imsemmija minn dan l-artikolu. Għaldaqstant, l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni b'rata fissa ma jikkostitwixxux spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali. Il-FDRK jikkonkludi minn dan li dan l-Artikolu 4(1)(b) la kien jippermettilu jitlob u lanqas jikseb l-awtorizzazzjoni li jirrilaxxa ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati. Huwa jżid li, barra minn hekk, it-terminu għall-ipproċessar tat-talbiet għall-iżblokkar abbażi tar-Regolament 269/2014 huwa ta' diversi xhur, b'tali mod li deċiżjoni dwar tali talba tkun, fi kwalunkwe każ, ittieħdet tard wisq. Fuq din il-bażi, huwa jsostni l-argument tiegħu li, f'dan il-każ, jeżisti każ ta' forza maġġuri li jostakola l-applikazzjoni tas-sanzjoni prevista fir-raba' sas-seba' paragrafu tal-Artikolu 71 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat.

22 Min-naħa tagħha, il-konvenut fil-kawża prinċipali jsostni, għall-kuntrarju, li l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 269/2014 jawtorizza lill-FDRK jitlob u jikseb l-iżblokkar jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi, sa fejn dawn huma intiżi esklużivament għall-ħlas tal-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti. Issa, il-FDRK ma ppreżentax tali talba, b'tali mod li ma teżistix, f'dan il-każ, forza maġġuri jew żball inkontestabbli, fis-sens tas-seba' paragrafu tal-Artikolu 71 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat.

23 Min-naħa l-oħra, dawn il-partijiet jaqblu sabiex jikkunsidraw li l-possibbiltà ta' għajnuna legali prevista fl-Artikoli 78 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill tal-Istat ma hijiex miftuħa għall-FDRK.

24 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li teżisti inċertezza fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 269/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li jeskludi li l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni b'rata fissa, li għandhom jitħallsu sabiex jiġi ppreżentat rikors quddiemha kontra miżura nazzjonali li timplimenta r-Regolament 269/2014, jistgħu jitqiesu li huma "spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

25 B'mod iktar partikolari, hija tistaqsi jekk interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni differenti minn dik difiża mill-FDRK hijiex possibbli, fis-sens li l-kunċett ta' "servizzi ta' avukati" ma jeskludix provvista ta' servizzi ta' avukati sabiex jassistu jew jirrappreżentaw persuna ġuridika ssanzjonata, bħall-FDRK, fil-kuntest ta' jew b'rabta ma' rikors ippreżentat quddiem qorti nazzjonali kontra miżura nazzjonali li timplimenta r-Regolament 269/2014 u jekk, fil-kuntest ta'

din l-interpretazzjoni, huwa eskluż li l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni b'rata fissa, li l-ħlas tagħhom huwa neċessarju għaż-żamma ta' tali rikors, jitqiesu bħala "spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali", li għalihom jista' jingħata rilaxx.

26 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li, jekk ikun il-każ, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni d-dritt fundamentali ta' aċċess għall-ġustizzja, kif iggarantit fl-Artikolu 47 tal-Karta u li huwa mfakkar fil-premessa 6 tar-Regolament 269/2014, flimkien jew le mal-obbligu impost fuq l-Istati Membri, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxu r-rimedji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Hija tirrileva wkoll li, skont il-FDRK, l-Artikolu 57 TFUE għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni.

27 Fl-aħħar nett, hija tirrileva li l-konvenut fil-kawża prinċipali jirreferi wkoll għall-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament 269/2014, li jiġu rrilaxxati ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jekk dawn ikunu "meħtieġa għal spejjeż straordinarji". Hija tqis li l-interpretazzjoni korretta ta' din l-aħħar espressjoni hija wkoll rilevanti għal din il-kawża, peress li tqum il-kwistjoni dwar jekk l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni b'rata fissa jaqgħux taħt l-imsemmija espressjoni.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(1)(b) tar-[Regolament 269/2014], irrispettivament minn jekk dan jinqarax jew le flimkien mal-Artikoli 2 u 9 ta' dan ir-regolament, mal-kunċett ta' "servizzi" previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 TFUE, mad-dritt fundamentali ta' aċċess għall-ġustizzja ggarantit fl-Artikolu 47 tal-[Karta], u mal-obbligu impost fuq l-Istati Membri fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-"[i]spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali", previsti fid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-imsemmi regolament, l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-[kontribuzzjoni b'rata fissa] imposti fuq rikorrent mid-dritt nazzjonali u li għandhom jiġu kklassifikati bħala taxxi bis-saħħa ta' dan id-dritt nazzjonali u jitħallsu meta jiġi ppreżentat quddiem il-qrati nazzjonali rikors kontra miżura nazzjonali li timplimenta r-[Regolament 269/2014], b'mod li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jawtorizzaw l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għall-finijiet tal-ħlas ta' din l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' din il-kontribuzzjoni fil-kuntest ta' tali rikors?

"2) L-Artikolu 4(1)(d) tar-[Regolament 269/2014], irrispettivament minn jekk dan jinqarax jew le flimkien mal-Artikoli 2 u 9 ta' dan ir-regolament, mad-dritt fundamentali ta' aċċess għall-ġustizzja ggarantit fl-Artikolu 47 tal-[Karta], u mal-obbligu impost fuq l-Istati Membri fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-espressjoni 'meħtieġa għal spejjeż straordinarji', fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-imsemmi regolament, l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u l-kontribuzzjoni għall-fond baġitarju imposti fuq rikorrent mid-dritt nazzjonali u li għandhom jiġu kklassifikati bħala taxxi bis-saħħa ta' dan id-dritt nazzjonali u jitħallsu meta jiġi ppreżentat quddiem il-qrati nazzjonali rikors kontra miżura nazzjonali li timplimenta r-[Regolament 269/2014], b'mod li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jawtorizzaw

il-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għall-finijiet tal-ħlas ta' din l-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' din il-kontribuzzjoni fil-kuntest ta' tali rikors?"

Fuq id-domandi preliminari

29 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha. F'dan id-dawl, huwa obbligu, jekk ikun l-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew sottomessi lilha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda tagħha (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, Centraal Justitieel Incassobureau (Rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet pekunjarji), C-671/18, EU:C:2019:1054, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, minn naħa, id-domandi magħmula jirrigwardaw, essenzjalment, il-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jawtorizzaw, abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament 269/2014 u b'deroga mill-Artikolu 2 tiegħu, l-iżblokkar ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ffriżati skont dan l-aħħar artikolu jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom meta d-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi l-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa għall-preżentata ta' rikors għal annullament. Konsegwentement, ma jidhirx li dawn id-domandi jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, li jikkonċerna l-projbizzjoni tal-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament.

31 Min-naħa l-oħra, f'dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-fatt li, skont dan id-dritt nazzjonali, tal-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u tal-kontribuzzjoni b'rata fissa għandhom jiġu kklassifikati bħala "taxxi" miġbura mill-awtoritajiet pubbliċi, liema klassifikazzjoni hija invokata mill-FDRK fil-kuntest tal-kawża prinċipali. Issa, l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament 269/2014 jipprevedi l-iżblokkar tal-fondi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom għall-ħlas, b'mod partikolari, tat-taxxi. F'dan il-kuntest, minkejja li, permezz tad-domandi tagħha, l-imsemmija qorti ma titlobx speċifikament l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandu jitqies li din hija rilevanti sabiex tingħata risposta għalihom.

32 Konsegwentement, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1) (a), (b) u (d) tar-Regolament 269/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, mal-Artikolu 47 tal-Karta u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni għall-finijiet tal-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa li għandhom jitħallsu, skont id-dritt nazzjonali, waqt il-preżentata ta' azzjoni ġudizzjarja kontra miżura nazzjonali li timplimenta l-imsemmi regolament.

33 Skont l-Artikolu 4(1) (b) tar-Regolament 269/2014, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu

xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma intiżi esklużivament għall-ħlas ta' onorarji ta' ammont raġonevoli jew għar-rimbors tal-ispejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali.

34 F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat, bħalma għamlu l-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni, li ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni, bħal, b'mod partikolari, il-verżjonijiet tagħha bil-lingwa Ingliża u Olandiża, ma jirreferrixxux bħall-verżjoni fil-lingwa Franċiża, għal "spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali", iżda għal "spejjeż inkorsi b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi legali".

35 Minn dan isegwi li, filwaqt li l-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni fil-verżjoni tagħha bil-lingwa Franċiża tista' tidher li tkopri biss spejjeż sostnuti għall-ħlas ta' provvista ta' servizzi legali, it-termini tagħha jinkludu wkoll, f'verżjonijiet lingwistiċi oħra, spejjeż relatati ma' tali provvista.

36 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha tal-Unjoni u, fil-każ ta' diverġenzi bejn dawn id-diversi verżjonijiet, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element (sentenza tas-17 ta' Jannar 2023, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-632/20 P, EU:C:2023:28, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament 269/2014 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-premessa 6 ta' dan ir-regolament, li tippreċiża, b'mod partikolari, li l-imsemmi regolament għandu jiġi applikat konformement mad-drittijiet fundamentali u mal-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta, u b'mod iktar partikolari d-drittijiet għal rimedju effettiv u għal aċċess għal qorti imparzjali.

38 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-kuntest paragunabbli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, tat-18 ta' Mejju 2006, dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus (ĠU 2008, L 352M, p. 432), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 84/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja (ĠU 2011, L 28, p. 17, rettifiki ĠU 2011, L 102, p. 44 u ĠU 2014, L 294, p. 52), u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 588/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja (ĠU 2011, L 161, p. 1), li, meta hija tiddeċiedi dwar talba għall-iżblokkar ta' fondi ffriżati, konformement mal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 765/2006, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha timplimenta d-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li hija obbligata tosserva l-Karta, konformement mal-Artikolu 51(1) tagħha (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Peftiev, C-314/13, EU:C:2014:1645, punt 24).

39 F'din il-perspettiva, għandu jiġi enfasizzat li l-motiv ta' żblokkar ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ffriżati previst fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 269/2014 huwa intiż, tkun xi tkun il-verżjoni lingwistika ta' din id-dispożizzjoni li għaliha jsir riferiment, li jiffaċilita l-aċċess tal-persuni u tal-entitajiet li l-assi tagħhom huma ffriżati għal servizzi legali sabiex tiġi żgurata d-difiża tal-interessi tagħhom. L-imsemmija dispożizzjoni għandha għalhekk tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta, fis-sens li

l-iffriżar ta' dawn l-assi ma jistax ikollu l-konsegwenza li jċaħħad lil dawn il-persuni minn aċċess effettiv għall-ġustizzja. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Peftiev, C-314/13, EU:C:2014:1645, punti 25 u 26).

40 B'mod iktar preċiż, jista' jitfakkar li, skont it-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna għandha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.

41 Għalhekk, l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 269/2014 għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni tal-Karta fis-sens li, billi jirreferi, fl-intier tiegħu, għall-"ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali", dan jista' jinkludi l-ispejjeż kollha mġarrba sabiex persuna, entità jew organu li l-assi tagħhom ikunu ffriżati jkunu jistgħu jiġu rrappreżentati quddiem qorti.

42 Madankollu, il-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa waqt il-preżentata ta' azzjoni ġudizzjarja ma jistax jitqies bħala spiża sostnuta sabiex persuna, entità jew organu jkunu jistgħu jiġu rrappreżentati quddiem qorti.

43 Fil-fatt, ċertament, ir-riferiment għal "ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali" jindika li l-espressjoni "rimborż ta' spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali" tkopri l-ispejjeż li ma humiex l-onorarji li jistgħu jiġu imposti fuq il-persuna, l-entità jew l-organu li, juża s-servizzi ta' avukat jew ta' professjonist legali ieħor awtorizzat għal dan l-għan, sabiex ikun irrappreżentat quddiem qorti.

44 Madankollu, il-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti jew ta' kontribuzzjoni b'rata fissa, bħal dawk imsemmija mill-qorti fid-domandi tagħha, la jikkorrispondi għar-remunerazzjoni ta' onorarji u lanqas għal spiża mġarrba sabiex jiġu koperti l-ispejjeż minbarra l-onorarji li jistgħu jiġu imposti fuq persuna, entità jew organu sabiex ikun irrappreżentat quddiem qorti, li juża s-servizzi ta' avukat jew ta' professjonist legali ieħor awtorizzat għal dan l-għan.

45 Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-attivitajiet koperti mill-kunċett ta' "servizzi ta' konsulenza legali", fis-sens tal-Artikolu 5n(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 tas-6 ta' Ottubru 2022 (ĠU 2022, L 259 I, p. 3), huma distinti b'mod ċar minn dawk li l-awtoritajiet pubbliċi jew kull entità oħra inkarigata, mill-Istat, tal-eżerċizzju, taħt il-kontroll ta' dawn l-awtoritajiet, ta' missjoni ta' interess ġenerali u li ngħata, għal dan l-għan, ċerti setgħat vinkolanti fir-rigward taċ-ċittadini jistgħu jintalbu jwettqu. Fil-fatt, l-imsemmija awtoritajiet ma għandhomx bħala missjoni li jipprovdu servizzi li jikkonsistu fl-għoti ta' pariri jew rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' dritt lil persuni sabiex jippromwovu jew jiddefendu l-interessi partikolari ta' dawn il-persuni (sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, Jemerak, C-109/23, EU:C:2024:681, punt 41).

46 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, id-domandi magħmula jirrigwardaw sitwazzjoni li fiha tali spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u tali kontribuzzjoni b'rata fissa huma imposti mid-dritt nazzjonali mhux minħabba l-fatt li l-persuna, l-entità jew l-organu kkonċernat irrikorrew għas-servizzi ta' avukat, iżda minħabba l-fatt li din il-persuna, din l-entità jew dan l-organu ppreżenta rikors quddiem il-qorti kkonċernata. Għaldaqstant, minn dan għandu jiġi dedott li, f'tali sitwazzjoni, din l-ispiża u din

il-kontribuzzjoni jistgħu jiġu imposti fuq ir-rikorrent, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan huwiex irrappreżentat minn avukat jew minn professjonist legali ieħor awtorizzat għal dan l-għan.

47 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament 269/2014 jinkludi espressament, bħala eżempju ta' żblokkar jew ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi neċessarji sabiex jiġu ssodisfatti l-"ħtiġijiet bażiċi" tal-persuni, entitajiet jew organi li l-fondi tagħhom huma ffriżati, tali żblokkar jew tali tqegħid għad-dispożizzjoni għall-"ħlas" tat-"taxxi".

48 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitqies li r-riferiment magħmul minn din id-dispożizzjoni għall-"ħlas" tat-"taxxi" bħala spiża "meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet essenzjali" ta' dawn il-persuni, entitajiet jew organi għandu jiġi interpretat, fl-assenza ta' preċiżazzjoni oħra, bħala li jirreferi għall-ħlas ta' kull kontribuzzjoni obbligatorja għall-finanzjament tal-ispejjeż pubbliċi li huma għandhom iħallsu.

49 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-espressjoni "meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet essenzjali", li jissemmew fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament 269/2014, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 6 ta' dan ir-regolament, din għandha tiġi interpretata fis-sens li tkopri, b'mod partikolari, spejjeż indispensabbli sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-imsemmija persuni, entitajiet jew korpi u, inklużi d-drittijiet għal rimedju effettiv u għal aċċess għal qorti imparzjali, protetti mill-Artikolu 47 tal-Karta.

50 Konsegwentement, spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u kontribuzzjoni b'rata fissa, bħal dawk imsemmija fid-domandi magħmula, li għandhom jitħallsu minn tali persuna, entità jew organu sabiex jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra deċiżjoni li timplimenta r-Regolament 269/2014, billi tiġi miċħuda t-talba tagħhom għar-rilaxx tal-fondi tagħhom, għandhom jitqiesu bħala "taxxi", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) ta' dan ir-regolament, li l-ħlas tagħhom huwa neċessarju sabiex jiġu ssodisfatti l-"ħtiġijiet essenzjali" tagħhom, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

51 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi suffiċjenti, sa fejn din l-għajnuna tkun neċessarja sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-aċċess għall-ġustizzja.

52 Fil-fatt, meta jkollha tippreżenta azzjoni ġudizzjarja, li ż-żamma tagħha fuq ir-rwol tal-qorti adita hija suġġetta għall-ħlas ta' kontribuzzjoni obbligatorja, persuna, entità jew organu msemmi fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament 269/2014 jew persuna jew entità assoċjata magħha ma tistax titqies li hija indiġenti minħabba l-iffriżar tal-fondi tagħha, iżda għandha, għall-kuntrarju, titlob għal dan l-għan l-iżblokkar ta' whud minnhom, meta l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 4(1)(a) ta' dan ir-regolament ikunu ssodisfatti. Għalhekk, l-imsemmi Artikolu 3(1)(b) jipprekludi minnu nnifsu li l-awtorità nazzjonali kompetenti tirrifjuta li tawtorizza l-iżblokkar ta' fondi għar-raġuni li tali persuna tista' tirrikorri għall-għajnuna legali (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Peftiev, C-314/13, EU:C:2014:1645, punt 31).

53 Fir-rigward tal-Artikolu 4(1)(d) tal-imsemmi regolament, ma jidhirx li huwa neċessarju li tingħata interpretazzjoni tagħha, peress li fil-punt 50 ta' din is-sentenza ġie kkonstatat li l-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa seta' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) ta' dan l-istess regolament.

54 Konsegwentement, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(a), (b) u (d) tar-Regolament 269/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, mal-Artikolu 47 tal-Karta u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni għall-finijiet tal-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa li għandhom jitħallsu, skont id-dritt nazzjonali, waqt il-preżentata ta' azzjoni ġudizzjarja kontra miżura nazzjonali li timplimenta dan ir-regolament.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1985 tal-20 ta' Ottubru 2022 moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

li jinkludi l-iżblokkar ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni għall-finijiet tal-ħlas ta' spiża għar-reġistrazzjoni ta' kawża fir-reġistru tal-qorti u ta' kontribuzzjoni b'rata fissa li għandhom jitħallsu, skont id-dritt nazzjonali, waqt il-preżentata ta' azzjoni ġudizzjarja kontra miżura nazzjonali li timplimenta dan ir-regolament.

Firem